

**Brussell, 26 ta' Settembru 2025  
(OR. en)**

**12900/25**

**COPS 452  
EUMC 329  
MAMA 212  
CFSP/PESC 1340  
CSDP/PSDC 563  
PSC DEC 43  
EUNAVFOR MED 28  
CSC 455  
JAI 1256  
RELEX 1172**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/626 (EUNAVFOR MED IRINI/4/2025)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/...**

**ta'...**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE  
għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran  
(EUNAVFOR MED IRINI)  
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/626  
(EUNAVFOR MED IRINI/4/2025)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/472/oj>.

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, li stabbiliet u nediet operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI).
- (2) Skont l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR MED IRINI (il-“Kmandant tal-Forza tal-UE”).
- (3) Fil-25 ta' Marzu 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/626<sup>2</sup>, li taħtar lill-Viċi Ammirall Alessandro DI BIASI bħala Kmandant tal-Forza tal-UE mill-4 ta' April 2025.
- (4) Fl-4 ta' Settembru 2025, l-awtoritajiet militari Griegi pproponew il-ħatra tal-Komodor Spyridon POLLATOS biex jieħu post il-Viċi Ammirall Alessandro DI BIASI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE (il-“ħatra proposta”) mit-3 ta' Ottubru 2025.
- (5) Fis-6 ta' Settembru 2025, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE ta' EUNAVFOR MED IRINI appoġġa l-ħatra proposta.

---

<sup>2</sup> Id- Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/626 tal-25 ta' Marzu 2025 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2641 (EUNAVFOR MED IRINI/1/2025) (ĠU L, 2025/626, 28.3.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/626/oj>).

- (6) Fil-11 ta' Settembru 2025, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Komodor Spyridon POLLATOS jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE mit-3 ta' Ottubru 2025.
- (7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor Spyridon POLLATOS bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (8) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2025/626 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Komodor Spyridon POLLATOS huwa maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) mit-3 ta' Ottubru 2025.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/626 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Ottubru 2025.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

---